# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 31 ta' Mejju, 2002.**

**Numru**

**Citaz. numru 928/96 FDP**

**Roberto Zamboni bhala mandatarju tal-Joint Venture formata bejn is-socjetajiet Co-operativa Muratori e Cementisti – CMC – di Ravenna, Soc. Coop a.r.l.; ITER, Co-operattiva Ravennate Interventi sul Territorio, S.c.r.l; Gemmo Impianti S..p.A, u Guerrato S.p.A., u tas-singoli socjetajiet komponenti l-imsemmija Joint Venture, skond l-annessi prokuri markati Dok A1 sa A4, u b'nota ta' l-10 ta' Gunju, 1997, George V. Xuereb assuma l-atti tal-kawza in rapprezentanza ta' l-atturi kollha u dana bhala mandatarju ta' Roberto Zamboni.**

**vs**

**Id-Direttur tal-Kuntratti, l-Onor. Ministru tal-Finanzi, l-Onor. Louis**

**Galea u Maurice Zarb Adami in rapprezentanza tal-Foundation for Medical Sciences and Services.**

**Il-Qorti;**

**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTUR NOMINE**

1. B'citazzjoni pprezentata mill-attur nomine fit-22 ta' Marzu, 1996, gie premess :

Billi l-Joint Venture fuq imsemmija ippartecipat fit-Tender pubbliku internazzjonali promoss mill-Fundazzjoni konvenuta, ghall-kostruzzjoni tal-Isptar San Raffaele.

Billi l-istess Joint Venture giet ufficjalment approvata u pre-selezzjonata mill-awtorita' kompetenti, biex tiehu sehem fil-gara tal-appalt u dan ifisser li hija giet rikonoxxuta idonea li tassumi l-pizijiet kontrattwali derivanti mill-appalt.

Billi l-offerta miftuha minn din il-Joint Venture, (gia' rikonoxxuta idonea biex tiehu l-kuntratt) irrizultat l-aktar vantagguza, billi din tiffranka lit-tax-payer Malti zewg miljuni u nofs liri Maltin (Lm2,500,000) u kellha wkoll il-vantagg li tlesti x-xoghol tlett xhur qabel il-perjodu stipulat.

Billi t-tenders ghall-appalti pubblici huma regolati mil-ligi, u cioe' mill-General Financial Regulations, Administration and Audit Act 1962, li jipprevedu ghal dan l-iskop in nomina ta' Kumitat tal-Kuntratti, presjedut mill-Accountant General (Direttur tal-Kuntratti), ara regolamenti Numru 104 – 108.

Billi dawn in-normi guridici jistabilixxu b'mod inekwivoku :

(a) Jekk id-Direttur tal-Kuntratti u l-maggoranza tal-Kumitat tal-Kuntratti jaqblu li jaccettaw xi offerta partikolari, allura dik l-offerta tigi accettata ;

(b) Fil-kaz biss li l-offerta rakkomandata hija sostanzjalment ghola mill-ohrajn, allura l-materja tigi riferita lill-Ministru tal-Finanzi ;

(c) Ugwalment, jekk id-Direttur tal-Kuntratti ma' jaqbilx mar-rakkomandazzjoni tal-Kumitat, allura l-materja tigi riferita lill-Ministru tal-Finanzi ;

Billi l-Kumitat tal-Kuntratti d-Direttur tal-Kuntratti kienu unanimi fl-accettazzjoni tal-offerta tal-Joint Venture attrici, bhala manifestament l-aktar vantagguza u konformi ghar-rekwiziti kollha tat-tender.

Billi, nonostante dan kollu l-konvenuti, jew min minnhom, urew li, bi ksur tal-ligi, u tad-drittijiet tal-esponenti, huma riedu jaggudikaw l-appalt ghall-bini tal-Isptar San Raffaele lill-offerent iehor ;

Billi l-esponenti biex jipprevjenu dan, talbu min din l-Onor. Qorti l-hrug ta' mandat tal-inibizzjoni (Nru. 2262/1995) ;

Billi dik il-Qorti, b'decizjoni taghha tad-9 ta' Gunju 1995, laqghat it-talba u inibiet lill-konvenuti li jipprocedu ulterjorment b'letter of intent, jew b'atti vinkolanti, fl-aggudikazzjoni jew assenjazzjoni tal-kuntratt u tax-xogholijiet tal-appalt tal-Isptar S. Raffaele, lill-persuni, socjetajiet ; joint venture jew entita' li ma jkunux il-joint venture attrici, u s-socjetajiet li jikkomponuha (Dok.B) ;

Billi l-konvenuti pprovaw jimpunjaw din id-decizjoni quddiem din il-Qorti;

Billi din il-Qorti b'sentenza tal-14 ta' Gunju 1995, regghet ikkonfermat il-mandat tal-Inibizzjoni u cahdet kull raguni u motivazzjoni li gabu l-konvenuti biex l-appalt ma jinghatax lill-atturi (Dok. C) ;

Billi l-konvenuti appellaw minn din is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell, izda cedew l-appell taghhom fit-3 ta' Lulju 1995 ;

Billi l-konvenuti bi ksur tal-ligi, bi spregju ta' dawn il-pronunzjamenti tal-Qorti u bi hsara tal-interessi tal-atturi pprocedew billi assenjaw l-appalt

ghall-kostruzzjoni tal-isptar S. Raffaele lil entita' ohra li ma kellha ebda dritt tiehu dan l-appalt ;

Billi dan il-ksur tal-ligi da parti tal-konvenuti jew min minnhom ikkawza lill-atturi danni konsistenti fl-ispejjez kbar li ghamlu biex jippartecipaw fl-appalt, kif ukoll fit-telf ta' profitt li kien jisthoqilhom u dawk id-danni l-ohra kollua li jirrizultaw, liema danni jigu kwantifikati f'gudizzju separat ;

Billi, fi kwalunkwe kaz l-agir tal-konvenuti jikkostitwixxi abbuz u eccezz ta' poter ; jghidu l-konvenuti jew min minnhom ghaliex m'ghandhomx jigu dikjarati responsabbli tad-danni kollha li sofrew l-atturi in konsegwenza tal-fatti u tal-ksur tal-ligi fuq esposti, liema danni jigu likwidati f'gudizzju separat.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-protest legali tal-10 ta' Lulju 1995 u tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Awissu 1995 kontra l-konvenuti.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI</u>**

2. Illi fost l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghal dawn it-talbiet, fin-nota ta' eccezzjonijiet tad-Direttur tal-Kuntratti u tal-Ministru tal-Finanzi hemm, bhala l-hames eccezzjoni, s-segwenti :

"Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi f'kull kaz l-azzjoni hija perenta stante li saret oltre t-termini ta' sitt xhur provdut bl-Artikolu 469A(3) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili."

L-istess eccezzjoni giet sollevata mill-Fondazzjoni Foundation for Medical Sciences and Services, fejn gie eccepit, fit-tieni eccezzjoni tan-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha :

"Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici li skond il-premessi fic-citazzjoni hija bbazata fuq allegat invalidita' ta' azzjoni amministrattiva, hija perenta bl-gheluq ta' sitt xhur ghat-tenur tal-Artikolu 469A(3) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili."

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza moghtija fit-22 ta' Ottubru 1999, fl-ismijiet premessi, l-Prim'Awla tal-Qorti Civili laqghet

"…… it-tieni eccezzjoni sollevata mill-Foundation for Medical Sciences and Services u l-hames eccezzjoni sollevata mill-konvenuti Direttur tal-Kuntratti u Ministru tal-Finanzi, tichad it-talba ta' l-attur kif proposta fic-citazzjoni. L-ispejjez in vista tal-punt legali nvolut, jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet."

**L-APPELL TA' L-ATTUR NOMINE**

4. L-atturi hassew ruhhom aggravati b'din is-sentenza u intavolaw appell mill-istess wara li esponew li gej :

(A) Dwar il-fatti rilevanti ghal dan l-appell m'hemmx differenzi materjali. L-Art. 469A tal-Kap. 12 dahal fis-sebh fl-1 ta' Ottubru 1995. Il-kawza odjerna giet intavolata fit-22 ta' Marzu 1996. It-tender *de quo* gie moghti lil-offerent iehor fit-12 ta' Settembru 1995.

(B) L-aggravji huma dawn : is-sentenza ta' l-ewwel Qorti hija zbaljata fil-konkluzzjonijiet taghha f'dak li jirrigwarda l-applikabbilita' tal-perjodu ta' preskrizzjoni ta' sitt xhur skond l-Artikolu 469A(3) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili sollevata mill-konvenuti. Dan ghaliex il-preskrizzjoni ta' sitt xhur tolqot biss l-azzjoni specifika kreata mill-Artikolu 469A stess tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, u ghaldaqstant ma tapplikax, bl-ebda mod, ghall-azzjonijiet naxxenti minn disposizzjonijiet ohra tal-ligi. Fil-fatt, jekk isir ezami tal-att tac-citazzjoni, ghandu jkun ovvju illi l-azzjoni principali tal-esponenti hija dik prevista mill-Artikolu 1031 u 1033 tal-Kodici Civili, u cioe' hija azzjoni normali ghad-danni, spettanti lil kull min isofri hsara mill-agir kolpuz ta' haddiehor. Dan jidher ukoll b'mod mill-aktar car meta wiehed ihares lejn it-tlett premessi li fuqhom hija, fis-sustanza, bbazata l-azzjoni ta' l-esponenti. Dawn it-tlett premessi huma s-segwenti u cioe' :

(i) hemm ligi li tirregola kif ghandhom jinghataw il-kuntratti pubblici wara sejha ghall-offerti ;

(ii) din il-ligi espressa giet vjolata mill-konvenut ; u,

(iii) dik il-vjolazzjoni kkawzat dannu lill-esponenti.

Ghalhekk din hija l-azzjoni tal-esponenti – ankrata mal-Kodici Civili bhal kull azzjoni ohra ghad-danni.

Infatti, fil-klawsola penultima, l-appellanti kienu gia osservaw illi l-agir tal-konvenuti "kkawza lill-atturi danni …… liema danni jigu kkwantifikati f'gudizzju separat." Kien biss wara li rabtu l-azzjoni konvenzjonali ta' danni illi l-atturi ziedu fl-ahhar premessa, illi "Billi fi kwalunkwe kaz, l-agir tal-konvenuti jikkostitwixxi abbuz u eccess ta' poter." Mela, huwa lampanti li l-esponenti ezercitaw zewg azzjonijiet : principalment l-azzjoni klassika ta' dannu, naxxenti mil-ligi ordinarja, u subordinatament ("fi kwalunkwe kaz") azzjoni ghar-risarciment ta' dannu skond *lex specialis* : l-Artikolu 469A tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili. Ghalhekk, l-applikazzjoni tal-preskrizzjoni ta' sitt xhur ghall-azzjoni normali ta' dannu skond il-Kodici Civili, li hija biss riservata ghall-azzjoni skond il-*lex specialis*, hija kompletament zbaljata.

Id-decizjoni tal-ewwel Qorti hija errata anki jekk kellha tikkunsidra illi l-azzjoni kollha tal-esponenti hija bazata fuq l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili. Ghal dan ir-rigward, il-Qorti ghandha zzomm prezenti dawn iz-zewg dati :

(a) L-Artikolu 469A dahal fis-sehh fl-1 ta' Ottubru 1995, u

(b) L-esponenti pprezentaw ic-citazzjoni fit-22 ta' Marzu 1996, u cioe' anqas minn sitt xhur minn meta l-azzjoni gdida setghet tigi ezercitata.

Huwa proprju fundamentali tal-ligi civili illi l-preskrizzjoni tibda tghaddi minn meta l-azzjoni tista' tigi ezercitata. L-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili jghid :

"Bla hsara ta' disposizzjoni ohra tal-ligi, l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata."

Id-dritt ta' azzjoni skond l-Art. 469A twieled fl-1 ta' Ottubru 1995. Qabel dik id-data l-azzjoni ma kienitx tezisti (anzi kienet vjetata mill-Art. 742(2) et seq., issa abbrogat). Infatti l-Art. 469 gie introdott appozitament biex jikkrea dik l-azzjoni ghal "abbuz u eccess ta' poter".

Mela l-appellanti kellhom azzjoni gdida accessibbli ghalihom fl-1 ta' Ottubru 1995. U, inqas minn sitt xhur wara, pprezentaw l-att tac-citazzjoni odjern. Qabel l-1 ta' Ottubru ma setghux jagixxu.

Bir-rispett kollu, kienet zbaljata l-ewwel Qorti meta laqghet is-sottomissjoni tal-konvenuti li l-perjodu ta' sitt xhur jghaddi minn meta t-tender gie moghti lis-socjeta' Skanska, u cioe' fit-12 ta' Settembru 1995.

L-appellanti ghalhekk jissottomettu illi l-azzjoni principali taghhom kienet dik stabbilita mill-Art. 1031 u 1033 tal-Kodici Civili, liema azzjoni tigi preskritta fi zmien sentejn, u hija biss l-azzjoni sussidjarja li hija bbazata fuq l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili. Mhux biss, illi anke l-azzjoni skond l-Artikolu 469A mhix preskritta, billi l-perjodu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri minn meta l-azzjoni tista' tigi ezercitata – fil-kaz odjern, mill-1 ta' Ottubru 1995, meta dik l-azzjoni dahlet fis-sehh.

Ghaldaqstant l-appellanti nomine talab lill-Qorti tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Onor Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Ottubru 1999 fl-ismijiet premessi, tichad l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni hawn fuq imsemmija, u tirreferi l-atti tal-kawza lura lill-istess Qorti ghall-kontinwazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti eccipjenti.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELLATI KOLLHA BARRA TAL-FOUNDATION FOR MEDICAL SCIENCES</u>**

1. Illi s-sentenza moghtija fit-22 ta' Ottubru 1999, hija gusta u timmerita konferma ghar-ragunijiet segwenti :

**<u>In-Natura tac-Citazzjoni ta' l-atturi.</u>**

2. L-appellanti jikkontendu li "l-azzjoni principali taghhom kienet dik stabbilita mill-artikoi 1931 u 1033 tal-Kodici Civili u hija biss l-azzjoni sussidjarja li hija bbazata fuq l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili." (Ara pagna 6 ta' l-appell, ir-raba' paragrafu minn fuq).

Bir-rispett kollu, dan mhux minnu kif jixhed il-kliem tac-citazzjoni stess li ma jhalli ebda dubbju li l-azzjoni kienet dik taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Fil-fatt :

(i) Fl-ewwel pagna tac-citazzjoni taghhom huma jirreferu ghall-General Financial Regulations, Administration and Audit Act, 1962 u specifikatament ghar-regolamenti 104 – 108. Dawn huma regolamenti ta' natura purament amministrattiva u huma parti mil-Ligi Amministrattiva tal-pajjiz.

(ii) Kemm fl-ewwel kif ukoll fit-tieni pagna tac-citazzjoni jkomplu jirreferu ghal nies li huma responsabbli ghall-ghoti tal-kuntratti pubblici skond l-istess regolamenti (ara kemm subinciz (b), subinciz (c), u t-tieni

paragrafu tat-tieni pagna) u dawn huma karigi li johorgu direttament mir-Regolamenti citati mill-atturi nnifishom ;

(iii) Fit-tielet pagna, jiktbu ghal darbtejn “bi ksur tal-ligi”, liema ligi ma tistax tkun ohra hlief il-General Financial Regulatons ghaliex hija din il-ligi specjali biss li tirregola l-ghoti tal-kuntratti ;

(iv) Fit-tielet pagna, l-atturi juzaw ukoll il-kliem “abbuz u eccess tal-poter”, liema kliem jinghad biss f’kuntest tal-ligi amministrattiva kif juru l-manwali dwar id-dritt amministrattiv u kif jidher mill-kelma “ultra vires” li hija stampata kemm fl-artikolu 469A (1)(b) kif ukoll fl-artikolu ta’ qabel, jigifieri l-artikolu 742(2) tal-Kap. 12.

(v) Illi sahansitra fit-talba huma jghidu : “in konsegwenza tal-fatti u tal-ksur tal-ligi fuq esposti” u l-unika ligi li semmew kienet l-Avviz Legali dwar il-Financial Regulations u ghalhekk konsegwentement il-ligi li qed jirreferu ghaliha mhix il-Kodici Civili izda hija biss l-Avviz Legali dwar il-Financial Regulations.

**Illi dawn il-fatti kollha mehudin flimkien juru kemm m’hemm l-ebda bazi fl-asserzjoni ta’ l-appellanti li l-azzjoni principali hija dik prevista mill-Kodici Civili. Qed jinghad ukoll ghal kull buon fini li t-taqsira tal-premessi kif maghmula mill-appellanti f’pagni 4 u 5 tar-rikors taghhom mhix fidila mat-test originali tac-citazzjoni.**

(vi) Isegwi ghalhekk li l-appellanti qieghdin jirreferu ghal-ligi specjali – dik amministrattivi u l-procedura biex tattakka ghemil amministrattiv ma jaqax aktar taht il-Kodici Civili – ligi li min-natura taghha hija generali – izda dik id-disposizzjoni specjali li dahhal il-legislatur – jigifieri l-artikolu 469A. Tant hu hekk – u tant din kienet l-intenzjoni tal-legislatur – li din il-parti intitolaha :

**"Sub-artikolu VII –**
**Stharrig Gudizzjarju ta' Azzjoni Amministrattiva."**

(vii) Illi fl-ahhar mill-ahhar, qalu x'qalu fil-kitba taghhom l-appellanti, u anke wkoll jekk wiehed jirraguna li l-appellanti kienu qed jaghmlu azzjoni taht l-artikoli tal-Kodici Civili 1031 u 1033, bid-dhul fis-sehh ta' l-Att XXIV ta' l-1995 kienet qed tiddahhal ligi specjali li tidderoga mil-ligi generali li tirregola t-tort u l-kwazi-torti. *Li kieku l-kaz in ezami kellu x'jaqsam ma', per ezempju, incident awtomobilistiku wiehed kien jifhem li l-azzjoni tkun ibbazata fuq il-Kodici Civili kif dejjem sar u kif ghadu* ***u ghandu*** *jsir sa llum.* Izda fil-kaz odjern hemm car u tond att amministrattiv ibbazat fuq ligi li rreferew ghaliha l-appellanti fil-kawzali taghhom stess. ***L-ghan tal-legislatur kien li jirregola l-atti amministrattivi b'mod differenti u specjali. Ghalhekk l-emendi li saru fl-1995 jipprevalu kemm ghaliex 'lex specialis derogat geenralis' kif ukoll ghaliex 'lex posteriori derogat priori'. Jekk wiehed jaccetta t-tezi ta' l-appellanti, ikun qed ixejjen l-effetti tas-subinciz (3) ta' l-artikolu 469A li jsir sub-artikolu bla effett. Dan***

***anzi huwa subartikolu perentorju u li lanqas biss jista' jigi nterrott permezz ta' att gudizzjarju jew b'kull mod iehor ikkontemplat fil-Kodici Civili fit-Titolu dwar il-Preskrizzjoni.***

**<u>It-Terminu tal-Preskrizzjoni ta' Sitt Xhur.</u>**

3. L-appellanti jirragunaw li l-Att XXIV ta' l-1995 dahal fis-sehh fl-1 ta' Ottubru u c-citazzjoni giet ipprezentata fit-22 ta' Marzu, 1996. Huma jikkwotaw ukoll l-artikolu 2137 tal-Kodici Civili li jghid li l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda tghaddi minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata. Jghidu wkoll li din l-azzjoni ma kienitx tezisti qabel 1 ta' Ottubru 1995. Il-kuntratt inghata fit-12 ta' Settembru 1995.

L-ewwel zball ta' l-appellanti huwa meta jissottomettu li qabel l-1 ta' Ottubru 1995 ma kienet tezisti ebda azzjoni dwar atti amministrattivi.

F'nifs wiehed jghidu li ma kienx jezisti, imbaghad fic-citazzjoni jghidu li l-ewwel Onorabbli Qorti laqghet il-Mandat ta' Inibizzjoni li kienu ghamlu huma stess (2262/95) fid-9 ta' Gunju 1995 u li mbaghad gie kkonfermat b'sentenza fl-14 ta' Gunju 1995. **Huma jghidu wkoll li l-appell li kien sar min-naha tal-gvern gie cedut minghajr ma jaghtu l-vera raguni ghaliex. Ir-raguni kienet li l-mandat waqa' gialadarba l-appellanti ma segwewx b'citazzjoni.**

***Kif tista' tghid li qabel l-1 ta' Ottubru 1995, l-atti amministrattivi ma setghux jigu ccalingjati fil-Qorti meta l-appellanti stess intavolaw mandat ta' inibizzjoni u rebhuh u rebhu c-citazzjoni li saret kontrihom biex twaqqa' l-mandat?***

Din is-sottomissjoni hija nieqsa mil-logika kif juru l-fatti esposti hawn fuq.

Din is-sottomissjoni qed tinjora wkoll numru ta' sentenzi moghtijin minn dawn l-istess qrati bejn l-1981 u l-1995 li bl-Artikolu 742 tal-Kap. 12 b'kollox, il-Gvern xorta tilifhom. Ftit ezempji :

(a) Frank Pace vs Kummissarju tal-Pulizija et (18.11.94).

(b) Mary Grech vs Ministru tax-Xogholijiet (29.01.93).

(c) Frank Attard vs Stephen Sant' Angelo et (6.02.95).

(d) Ellul Sullivan vs Vassallo (data mhux maghrufa).

(e) Il-Mandat ta' Inibizzjoni mirbuh mill-appellanti stess.

(f) Ic-citazzjoni ntavolata kontra l-appellanti u mirbuha minnhom wkoll.

It-tieni zball ta' l-appellanti huwa dwar li l-Att XXIV dahal fis-sehh fl-1 ta' Ottubru 1995, allura huma kienu ghadhom fiz-zmien la c-citazzjoni gietipprezentata fit-22 ta' Marzu 1996.

(i) Bir-rispett kollu, kif intwera hawn fuq, l-azzjonijiet biex jirregolaw att amministrattiv ma bdewx fl-1 ta' Ottubru 1995. Wara kollox l-istess terminu ta' "ultra vires" jew abbuz ta' poter jidher fis-subinciz (2) ta' l-artikolu 742 waqt li s-subinciz (b) jghid li tista' tittiehed azzjoni kontra l-amministrazzjoni jekk :

"such act or thing is clearly in violation of an explicit provision of a written law ; (u hawn ta' min ifakkar li l-appellanti sahansitra kienu kkwotaw r-regolamenti relevanti 104 – 108) ;

u s-subinciz (c) jghid :

"the due form or procedure has not been followed in a material respect and substantial prejudice has ensued from such non-observance."

(ii) Oltre dan l-argument, regoli ta' procedura dejjem ghandhom effett immedjat :

"….. it may be said that it is "ius receptum" that laws of a purely procedural nature apply immediately to all cases including those relating to transactions before the enactment of the law." (Prolegomena pagna 49).

(iii) Barra dan, jekk il-kuntratt inghata fit-12 ta' Settembru 1999, malli hareg l-Att XXIV ta' l-1995, l-appellanti kienu jafu li ma setghux jindugjaw oltre t-12 ta' Marzu 1996 (u ma nkunux qed nghoddu l-jum li nghata fih il-kuntratt). Dan mhux hareg l-Att u l-azzjoni giet preskritta dakinhar stess jew 'l ghada jew ftit jew wara. Dan kien hemm hames xhur u 12-il jum biex issir l-azzjoni. Izda l-appellanti ddecidew li jintavolaw l-azzjoni ghaxart ijiem wara li skada t-terminu.

(iv) Fl-ahharnett l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni taghha tal-5 ta' Ottubru 1998 fl-ismijiet **George Vassallo vs il-Kummissarju tal-Pulizija**, waqt li qalet li l-proceduri jghoddu ghal kull kaz prendenti quddiem tribunal, applikat din il-preskrizzjoni, biex tara nqabizx it-terminu, ghal kaz li kien intavolat fit-3 ta' Marzu 1993 biex jimpunja decizjoni ta' tribunal li nghatat fis-17 ta' Novembru 1992 (Ara pagna 10 tas-sentenza). Jekk din l-Onorabbli Qorti applikat dan it-terminu ghal azzjonijiet amministrattivi li sehhew fl-1992 – tliet snin qabel ma dahal fis-sehh l-Att XXIV ta' l-1995 – kemm ghandu japplika aktar dan l-Att meta

(a) Il-kuntratt inghata ftit tal-jiem biss qabel beda jsehh l-Att ;

(b) L-appellanti kienu jafu li beda jsehh l-Att ;

(c) L-appellanti kienu bdew proceduri qabel ma dahal fis-sehh l_Att li huma ghar-ragunijiet taghhom ippreferew li ma jkomplux ;

(d) Huma kellhom hames xhur u tnax-il jum biex jipprezentaw ic-citazzjoni ;

(f) Huma facilment setghu jintavolaw din ic-citazzjoni mill-ghada stess ta' l-ghoti tal-kuntratt (jigifieri tmintax-il jum qabel dahal fis-sehh fl-Att XXIV ta' l-1995) minn meta, jekk wiehed irid jirreferi ghall-artikolu 2137 tal-Kodici Civili kif ghamlu l-appellanti, setghu ghamlu l-azzjoni. Kif intwera mhux tassew li l-azzjoni setghet issir biss wara l-1 ta' Ottubru 1995. Il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri qabel. Jekk il-ligi l-gdida wessghet xi ftit ir-review gudizzjarju, ma jfissirx li qabel dan ma kienx jezisti u ghalhekk ma jaghmilx sens li tghid li dawn is-sitt xhur bdew jiddekorru mill-1 ta' Ottubru.

Ghal dawn ir-ragunijiet migjuba hawn fuq, l-esponenti waqt li jaghmlu referenza ghall-atti kollha tal-kawza u jirriservaw li jaghmlu sottomissjonijiet u provi li jkun hemm bzonn, jitolbu bir-rispettt li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fit-22 ta' Ottubru 1999 fl-ismijiet premessi. Bl-ispejjez (li l-ewwel Onorabbli Qorti halliet bla taxxa in vista tal-punt legali involut) kontra l-appellanti ghaz-zewg istanzi.

## IR-RISPOSTA TAL-FOUNDATION FOR MEDICAL SERVICES

5. L-appellati nomine ghall-Foundation for Medical Services wiegbu hekk :

(i) Illi s-sentenza moghtija fit-22 ta' Ottubru 1999 hija gusta u timmerita konferma ghar-ragunijiet segwenti.

(ii) L-appellanti jikkontendu li "l-azzjoni principali taghhom kienet dik stabbilita mill-artikoli 1931 u 1033 tal-Kodici Civili u hija biss l-azzjoni sussidjarja li hija bbazata fuq l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili" (Ara pagna 6 ta' l-Appell, ir-raba' paragrafu minn fuq).

Bir-rispett kollu, dan mhux minnu kif jixhed il-kliem fic-citazzjoni stess li ma jhalli ebda dubbju li l-azzjoni kienet dik taht l-Artikolu 469 tal-Kap. 12. Fil-fatt :

(i) Fl-ewwel pagna tac-citazzjoni taghhom huma jirreferu ghall-General Financial Regulations, Administration and Audit Act, 1962 u specifikatament ghar-regolamenti 104 – 108. Dawn huma regolamenti ta' natura purament amministrattiva u huma parti mil-Ligi Amministrattiva tal-pajjiz.

(ii) Kemm fl-ewwel kif ukoll fit-tieni pagna tac-citazzjoni jkomplu jirreferu ghal nies li huma responsabbli ghall-ghoti tal-kuntratti pubblici skond l-istess regolamenti (ara kliem subinciz (b), subinciz (c), u t-tieni paragrafu tat-tieni pagna) u dawn huma karigi li johorgu direttament mir-Regolamenti citati mill-atturi nnifishom.

(iii) Fit-tielet pagna, jiktbu ghal darbtejn “bi ksur tal-ligi”, liema ligi ma tistax tkun ohra hlief il-General Financial Regulations ghaliex hija din il-ligi specjali biss li tirregola l-ghoti tal-kuntrati.

(iv) Fit-tielet pagna, l-atturi juzaw ukoll il-kliem “abbuz u eccess tal-poter”, liema kliem jinghad biss f’kuntest tal-ligi amministrattiva kif juru l-manwali dwar id-dritt amministrattiv u kif jidher mill-kelma “ultra vires” li hija stampata kemm fl-artikolu 469A(1)(b) kif ukoll fl-artikolu ta’ qabel, jigifieri l-artikolu 742(2) tal-Kap. 12.

(v) Illi sahansitra fit-talba huma jghidu : “in konsegwenza tal-fatti u tal-ksur tal-ligi fuq esposti” u l-unika ligi li semmew kienet l-Avviz Legali dwar il-Financial Regulations u ghalhekk konsegwentement il-ligi li qed jirreferu ghalija mhijiex il-Kodici Civili izda hija biss l-Avviz Legali dwar il-Financial Regulations.

Illi dawn il-fatti kollha mehudin flimkien juru kemm m’hemm l-ebda bazi fl-asserzjoni ta’ l-appellanti li l-azzjoni principali hija dik prevista mill-

Kodici Civili. Qed jinghad ukoll ghal kull buon fini li t-taqsira tal-premessi mhix fidila mat-test originali tac-citazzjoni.

(vi) Isegwi ghalhekk li l-appellanti qieghdin jirreferu ghal-ligi specjali – dik amministrattiva u l-procedura biex tattakka ghemil amministrattiv ma jaqax aktar taht il-Kodici Civili – ligi li min-natura taghha hija generali – izda dik id-disposizzjoni specjali li dahhal il-legislatur – jigifieri l-artikolu 469A. Tant hu hekk – u tant din kienet l-intenzjoni tal-legislatur – li din il-parti intitolaha :

> **“Sub-artikolu VII**
> **Stharrig Gudizzjarju ta’ Azzjoni Amministrattiva.”**

(vii) Illi fl-ahhar mill-ahhar, qalu x’qalu fil-kitba taghhom l-appellanti, u anke wkoll jekk wiehed jirraguna li l-appellanti kienu qed jaghmlu azzjoni taht l-artikoli tal-Kodici Civili 1031 u 1033, bid-dhul fis-sehh ta’ l-Att XXIV ta’ l-1995 kienet qed tiddahhal ligi specjali li tidderoga mil-ligi generali li tirregola t-tort u l-kwazi-tort. *Li kieku l-kaz in ezami kellu x’jaqam ma’, per ezempju, incident awtomobilistiku wiehed kien jifhem li l-azzjoni tkun ibbazata fuq il-Kodici Civili kif dejjem sar u kif ghadu jsir sa llum.* Izda fil-kaz odjern hemm car u tond att amministrattiv ibbazat fuq il-ligi li rreferew ghaliha l-appellanti fil-kawzali taghhom stess. *L-ghan tal-legislatur kien li jirregola l-atti amministrattivi b’mod differenti u specjali. Ghalhekk l-emendi li saru fl-1995 jipprevalu kemm ghaliex ‘lex specialis derogat generalis” kif ukoll ghaliex “lex posteriori derogat priori”. Jekk wiehed jaccetta t-tezi ta’ l-appellanti, ikun qed ixejjen l-*

*effetti tas-subinciz (3) ta' l-Artikolu 469A li jsir sub-artikolu bla effett. Dan anzi huwa subartikolu perentorju u li lanqas biss jista' jigi interrott permezz ta' att gudizzjarju jew b'kull mod iehor ikkontemplat fil-Kodici Civili fit-Titolu dwar il-Preskrizzjoni*.

3. L-appellanti jirragunaw li l-Att XXIV ta' l-1995 dahal fis-sehh fl-1 ta' Ottubru u c-citazzjoni giet ipprezentata fit-22 ta' Marzu 1996. Huma jikkwotaw ukoll l-artikolu 2137 tal-Kodici Civili li jghid li l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda tghaddi minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata. Jghidu wkoll li din l-azzjoni ma kienitx tezisti qabel l-1 ta' Ottubru 1995. Il-kuntratt inghata fit-12 ta' Settembru 1995.

L-ewwel zball ta' l-appellanti huwa meta jissottometti li qabel l-1 ta' Ottubru 1995 ma kienet tezisti ebda azzjoni dwar atti amministrattivi.

F'nifs wiehed jghidu li ma kienx jezisti, imbaghad fic-citazzjoni jghidu li l-ewwel Qorti laqghetil-Mandat ta' Inibizzjoni li kienu ghamlu huma stess (2262/95) fid-9 ta' Gunju 1995 u li mbaghad gie kkonfermat b'sentenza fl-14 ta' Gunju 1995. **Huma jghidu wkoll li l-appell li kien sar min-naha tal-gvern gie cedut minghajr ma jaghtu l-vera raguni ghaliex. Ir-raguni kienet li l-mandat waqa' gialadarba l-appellanti ma segwewx b'citazzjoni.**

*Kif tista' tghid li qabel l-1 ta' Ottubru 19955 l-atti amministrattivi ma setghux jigu ccalingjati fil-Qorti meta l-appellanti stess intavolaw mandat ta' inibizzjoni u rebhuh u rebhu c-citazzjoni li saret kontrihom biex twaqqa' l-mandat?*

Din is-sottomissjoni hija nieqsa mil-logika kif juru l-fatti jesposti hawn fuq.

Din is-sottomissjoni qed tinjora wkoll numru ta' sentenzi moghtijin minn dawn l-istess qrati bejn l-1981 u l-1995 li b'Artikolu 742 tal-Kap. 12 b'kollox, il-Gvern xorta tilifhom. Ftit ezempji :-

(a) Frank Pace vs Kummissarju tal-Pulizija et (18.11.94).

(b) Mary Grec vs Ministru tax-Xogholijiet (29.01.93).

(c) Frank Attard vs Stephen Sant'Angelo et (6.02.95).

(d) Ellul Sullivan vs Vassallo (data mhux maghrufa).

(e) Il-Mandat ta' Inibizzjoni mirbuh mill-appellanti stess.

(f) Ic-Citazzjoni ntavolata kontra l-appellanti u mirbuha minnhom ukoll.

It-tieni zball ta' l-appellanti huwa dwar li l-Att XXIV dahal fis-sehh fl-1 ta' Ottubru 1995, allura huma kienu ghadhom fiz-zmien ladarba c-citazzjoni gietipprezentata fit-22 ta' Marzu 1996.

(i) Bir-rispett kollu, kif intwera hawn fuq, l-azzjonijiet biex jirregolaw att amministrattiv ma bdewx fl-1 ta' Ottubru 1995. Wara kollox l-istess terminu ta' "ultra vires" jew abbuz u eccess ta' poter jidher fis-subinciz (2) ta' l-artikolu 742 waqt li s-subinciz (b) jghid li tista' tittiehed azzjoni kontra l-amministrazzjoni jekk :

"such act or thing is clearlu in violation of an explicit provision of a written law ; (u hawn ta' min ifakkar li l-appellanti sahansitra kienu kkwotaw ir-regolamenti relevanti 104 – 108) ;

u s-subinciz (c) jghid :

"the due form of procedure has not been followed in a material respect and substantial prejudice has ensued from such non-observance."

(ii) Oltre dan l-argument, regoli ta' procedura dejjem ghandhom effett immedjat :

"….. it may be said that it is "ius receptum" that laws of a purely procedural nature apply immediately to all cases including those relating to transactions before the enactment of the law." (Prolegomena pagna 49)

(iii) Barra dan, jekk il-kuntratt inghata fit-12 ta' Settembru 1999, malli hareg l-Att XXIV ta' l-1995, l-appellanti kienu jafu li ma setghux jindugjaw oltre t-12 ta' Marzu 1996 (u ma nkunux qed nghoddu l-jum li nghata fih il-kuntratt). Dan mhux hareg l-Att u l-azzjoni giet preskritta dakinhar stess jew 'l ghada jew ftit jew wara. Dan kien hemm hames xur u 12-il jum biex issir l-azzjoni. Izda l-appellanti ddecidew li jintavolaw l-azzjoni ghaxart ijiem wara li skada t-terminu.

(iv) Fl-ahharnett l-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha tal-5 ta' Ottubru 1998 fl-ismijiet **George Vassallo vs il-Kummissarju tal-Pulizija,** waqt li qalet li l-proceduri jghoddu ghal kull kaz pendenti quddiem tribunal, applikat din il-preskrizzjoni, biex tara nqabizx it-terminu, ghal kaz li kien intavolat fit-3 ta' Marzu 1993 biex jimpunja decizjoni ta' tribunal li nghatat fis-17 ta' Novembru 1992 (Ara pagna 10 tas-sentenza). Jekk din il-Qorti applikat dan it-terminu ghal azzjonijiet amministrattivi li sehhew fl-1992 – tliet snin qabel ma dahal fis-sehh l-Att XXIV ta' l-1995 – kemm ghandu japplika aktar dan l-Att meta :

(a) Il-kuntratt inghata ftit tal-jiem biss qabel beda jsehh l-Att ;

(b) L-Appellanti kienu jafu li beda jsehh l-Att ;

(c) L-Appellanti kienu bdew proceduri qabel ma dahal fis-sehh l-Att li huma ghar-ragunijiet taghhom ippreferew li ma jkomplux ;

(d) Huma kellhom hames xhur u tnax-il jum biex jipprezentaw ic-citazzjoni.

(e) Huma facilment setghu jintavolaw din ic-citazzjoni mill-ghada stess ta' l-ghoti tal-kuntratt (jigifieri tmintax-il jum qabel dahal fis-sehh fl-Att XXIV ta' l-1995) minn meta, jekk wiehed irid jirreferi ghall-artikolu 21237 tal-Kodici Civili kif ghamlu l-appellanti, setghu ghamlu l-azzjoni. Kif intwera mhux tassew li l-azzjoni setghet issir biss wara l-1 ta' Ottubru 1995. Il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri qabel. Jekk il-ligi l-gdida wessghet xi ftit ir-review gudizzjarju, ma jfissirx li qabel dan ma kienx jezisti u ghalhekk ma jaghmilx sens li tghid li dawn is-sitt xhur bdew jiddekorru mill-1 ta' Ottubru.

Ghal dawn ir-ragunijiet migjuba hawn fuq, l-appellati fuq imsemmija talbu konferma tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fit-22 ta' Ottubru 1999 fl-ismijiet premessi. Bl-ispejjez (li l-ewwel Qorti halliet bla taxxa in vista tal-punt legali nvolut) kontra l-appellanti ghaz-zewg istanzi.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Dan l-appell, intavolat mill-atturi nomine, huwa limitat ghal dak li gie deciz mill-ewwel Qorti in kwantu din laqghet it-tieni eccezzjoni

sollevata mill-Foundation for Medical Sciences and Services u l-hames eccezzjoni sollevata mill-konvenuti l-ohra Direttur tal-Kuntratti u Ministru tal-Finanzi, dik jigifieri li l-azzjoni attrici kienet perenta stante li kienet tinkwadra ruhha taht dak li hemm ipprovdut fl-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u dan billi l-azzjoni giet intavolata oltre t-terminu ta' sitt (6) xhur kif hemm stipulat.

7. In sustanza, l-aggravju ta' l-atturi appellanti nomine huwa bbazat fuq dak li huma sostnew fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom quddiem l-ewwel Qorti (ara fol 99 – 101 tal-process para 14) u cioe' li,

(i) L-azzjoni promotrici kienet dik stabbilita mill-artikoli 1031 u 1033 tal-Kodici Civili (Kap. 16) preskrittibbli fi zmien senetjn, bhala azzjoni ta' danni ;

(ii) Li kienet biss l-azzjoni sussidjarja li kienet ibbazata fuq l-artikolu 469A tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap. 12) ;

(iii) Li f'kull kaz anke l-azzjoni skond il-precitat artikolu 469A tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap. 12) ma kienitx preskritta, peress li l-perjodu ta' preskrizzjoni beda jiddekorri minn meta l-azzjoni setghet tigi ezercitata, li fil-kaz in ezami kien b'effett mill-1 ta' Ottubru 1995, meta jigifieri dik l-azzjoni dahlet fis-sehh.

**Dwar in-natura ta' l-azzjoni u jekk hijiex perenta**

8. L-appellanti fir-rikors ta' appell isostnu li minn ezami tal-att tac-citazzjoni "ghandu jkun ovvju li l-azzjoni principali tal-esponenti hija dik prevista mill-artikoli 1031 u 1033 tal-Kodici Civili, u cioe' hija azzjoni normali ghad-danni."

Illi minn ezami tal-att tac-citazzjoni jirrizulta li l-ligi li ghaliha jaghmlu riferenza l-atturi nomine fil-bidunett tal-premessi taghhom hija l-General Financial Regulations, Administration and Audit Act tal-1962 in kwantu huwa dana l-Att li jirregola l-offerti ghal appalti pubblici kif ukoll li jipprevedi n-nomina ta' kumitat tal-kuntratti ppresjedut mill-Accountant Generali li jistabbilixxi dawk in-normi guridici li ghandhom japplikaw meta jinhargu sejhiet ghal offerti ghal appalti pubblici bhax-xorta in ezami. Isegwi allura mill-premess li meta l-atturi nomine jaddebitaw lill-konvenuti appellati "bi ksur tal-ligi", l-ligi li ghaliha qieghdin jirreferu proprjament huwa l-Att fuq imsemmi u mhux il-Kodici Civili. Anzi jinghad li l-istess appellanti nomine sahansitra jispecifikaw fl-att tac-citazzjoni li huma kienu qieghdin jibbazaw l-azzjoni taghhom fuq allegat ksur tar-regolamenti bin-numru 104 sa 108 ta' l-istess Att. Kif allura tajjeb jissottomettu l-appellati, dawn ir-regolamenti "huma ta' natura purament amministrattiva u huma parti mil-Ligi Amministrattiva tal-pajjiz." L-allegat ksur da parti tal-konvenuti appellati, dejjem skond l-atturi appellanti, huwa intimament marbut mar-responsabbilitajiet

taghhom naxxenti mill-karigi rispettivi taghhom bhala parti mill-process shih ghall-iskrutinju ta' l-offerti u l-ghoti tal-kuntratti pubblici, u dan kollu kif johrog direttament u in konsegwenza tar-Regolamenti citati mill-atturi nfushom. Hija din il-ligi specjali allura li kellha tirregola din il-vertenza u mhux il-ligi ordinarja generali kif tohrog mill-Kodici Civili.

Din il-Qorti ghalhekk xejn ma tikkondividi s-sottomissjonijiet attrici li hawn si tratta ta' "azzjoni normali ghad-danni, spettanti lil kull min isofri hsara mill-agir kolpuz ta' haddiehor." Anki d-dicitura li tanima l-ahhar premessa taghhom fl-att tac-citazzjoni turi bic-car li dak li qed jissottomettu l-appellanti huwa zbaljat. Meta l-atturi jsemmu bhala kawzali li "fi kwalunkwe kaz l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi abbuz u eccess ta' poter" huwa wisq ovvju li, kif il-kwistjoni hija regolata b'ligi specjali (ghal-liema jirreferu espressament l-atturi stess), li hawn si tratta ta' allegat abbuz u eccess ta' indole amministrattiva. Issa in forza ta' l-artikolu 469A tal-Kap. 12, kif gie fis-sehh bl-Att numru IV tal-1996, stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva jaqa', fil-kazijiet applikabbli, fil-gurisdizzjoni tal-Qrati Civili. Fost il-kazi elenkati mil-ligi tassattivament meta dan l-istharrig jista' jigi kondott dwar il-validita' ta' xi ghemil amministrattiv jew biex jigi ddikjarat li dak l-ghemil hu null hemm imnizzlin is-segwenti – ara subinciz 1(b),

(ii) meta l-awtorita' pubblika tkun naqset milli tosserva ….. htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-ghemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-ghemil, jew

(iii) meta l-ghemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorita' pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti ;

(iv) meta l-ghemil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi.

Issa skond is-subinciz 2 tal-precitat artikolu "ghemil amministrattiv" jikkomprendi l-hrug ta' kull ordni, licenzja, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita' pubblika. Il-fatti tal-kaz kif esposti mill-parti attrici, bir-riferenza b'kollox ghal-ligi specjali applikabbli in materja, twaqqa' l-argument ta' l-atturi li "huwa lampanti (sic) li l-esponenti ezercitaw zewg azzjonijiet : principalment l-azzjoni klassika ta' dannu, naxxenti mil-ligi ordinarja, u subordinatament azzjoni ghar-rizarciment ta' dannu skond lex specialis : l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili."

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti ma hemm xejn x'juri soddisfacentement li primarjament – u del resto lanqas subordinatament – l-azzjoni attrici kif maghmulha hija tassew imsejsa fuq l-artikoli 1031 u 1033 tal-Kodici Civili. Jekk stess kellhom dan

f'mohhom l-atturi appellanti ma jinsabx u ma giex rifless fl-att tac-citazzjoni li huma pprezentaw.

9. Illi ghalhekk ukoll mis-suesposta konkluzjoni isegwi li dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti kien korrett u jfisser li ghal dak li jikkoncerna terminu li fih tista' tigi ezercitata jew tigi promossa azzjoni huwa regolat bis-subinciz (3) ta' l-istess artikolu 469A li jistipula hekk,

> "kawza biex twaqqa' ghemil amministrattiv taht il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ghandha ssir fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu interess sir jaf jew seta' jsir jaf, skond liema jigi l-ewwel, b'dak l-ghemil amministrattiv."

**Dwar l-aggravju ta' l-azzjoni attrici m'hijiex perenta jew preskritta**

10. Skond l-appellanti, is-sentenza appellata hija zbaljata "anke jekk kellha tikkunsidra illi l-azzjoni kollha tal-esponenti hija bbazata fuq l-artikolu 469A tal-Kodici Civili ta' Organizazzjoni u Procedura Civili." L-appellanti jirreferu ghaz-zewg dati segwenti :

(a) L-1 ta' Ottubru 1995, meta l-artikolu 469A dahal fis-sehh ; u

(b) 22 ta' Marzu 1996, meta huma pprezentaw ic-citazzjoni taghhom, jigifieri anqas minn sitt (6) xhur minn meta l-emenda fil-ligi giet in vigore. Huma jiccitaw inoltre l-artikolu 2137 tal-Kap. 16 li jghid li preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata.

11. Wara li qieset is-sottomissjonijiet taz-zewg nahat dwar it-terminu fuq imsemmi u specifikament minn meta ghandu jitqies, din il-Qorti tibda billi tirrileva li proprjament dan hu terminu ta' dekadenza u mhux wiehed ta' semplici preskrizzjoni. Minbarra dan hija n-norma li fejn si tratta ta' regoli jew ligijiet procedurali li, sakemm l-istess ligi ma tkunx tghid mod iehor jew ma tipprovdix x'ghandu jigri fil-fazi tranzitorja, l-istess regoli jew ligijiet jigu fis-sehh u jitqiesu li huma applikabbli minnufih. L-appellati jaghmlu riferenza dottrinali – Noti tal-Prolegomena, University of Malta, pag. 49) li tghid, illi

> "…. it may be said that it is ius receptum that laws of a purely procedural nature apply immediately to all cases including those relating to transactions before the enactment of the law."

Mill-provi u fatti esposti jirrizulta li l-emendi tal-1995 fil-ligi tal-procedura gew fis-sehh ftit jiem biss wara li nghata l-kuntratt ta' appalt li dwaru saret din il-kawza u li minnu qieghdin jilmentaw u jagixxu l-appellanti. L-appellanti mhux biss kienu legalment tenuti li jafu bil-ligi kif giet emendata imma jirrizulta wkoll li huma gja' kienu hadu proceduri ohrajn kontra l-appellati in kawtela tal-pretensjonijiet taghhom. Ma kien hemm assolutament xejn x'josta ghalhekk lill-appellanti milli jimxu a tenur tal-ligi tal-procedura kif emendata. Ghal xi raguni li jafuha huma biss, l-atturi appellanti ghazlu li jintavolaw l-azzjoni taghhom quddiem il-Qorti Civili wara li kienu ghaddew is-sitt xhur mid-data li kien inghata l-kuntratt lil terz kif fuq inghad. L-appellanti jipotezzaw x'kienet tkun il-posizzjoni taghhom li kieku l-emendi procedurali dahhlu fis-sehh jum

biss qabel ma nghata l-kuntratt lit-terz jew addirittura wara li jkunu skadew is-sitt xhur. Fil-fehma tal-Qorti, il-ligi kif emendata hija cara sufficjentement u la ma hemmx eccezzjonijiet li jiddifferenzjaw minn kaz ghal iehor kwantu ghaz-zmien li fiha trid issir l-azzjoni ghandu jipprevali t-test tal-ligi – salv kull dritt ta' azzjoni ulterjuri fic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz. Hekk il-Qorti tinnota li f'dan il-kaz l-ewwel Qorti, tenut kont tal-emenda fil-ligi tal-procedura li dahhlet fis-sehh fil-mori tal-vertenza u li setghet tat lok ghal dubju dwar kif ghandha tigi applikata u interpretata, ordnat temperament fil-kap ta' l-ispejjez. Fir-realta' tas-sitwazzjoni, kif applikata ghall-kaz in ezami, l-ipotesijiet li gew ipprospettati min-naha ta' l-appellant ma jregghux ghaliex il-mod kif zvolgew il-fatti in kwantu jikkoncernaw lilhom, il-posizzjoni kienet wahda ferm differenti. Il-provi juru li l-appellanti kienu gja' hadu passi legali kontra l-appellati biex jissalvagwardjaw il-posizzjoni taghhom. Mill-mument li dahlet fis-sehh l-emenda fil-Kodici ta' Procedura huma kien ghad fadlilhom aktar minn hames xhur zmien sabiex, kieku hekk riedu, jagixxu konformement. Minflok, u kontra dak li l-ligi – kif emendata – kienet tistipula, ghazlu li jagixxu wara li kienu ghaddew aktar minn sitt xhur minn meta huma kienu jafu bl-ghemil amministrattiv. Il-ligi kif emendata tghid kjarament li kawza biex twaqqa' ghemil amministrattiv bhax-xorta in ezami ghandha ssir fi zmien sitt (6) xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skond liema jigi l-ewwel, b'dak l-ghemil amministrattiv. Il-ligi <u>mkien</u> ma tghid li z-zmien ta' sitt xhur f'certi kazi kellu jibda jghodd minn meta l-emenda procedurali giet fis-sehh.

Minn dan kollu ghalhekk isegwi li l-azzjoni attrici, meta giet intavolata, kienet gja' perenta.

11. Fl-ahharnett, mis-suespost ghandu jsegwi wkoll li, bil-maqlub ta' dak li gie sottomess mill-appellanti fl-aggravji taghhom, l-azzjoni principali taghhom kienet dik stabbilita mill-artikoli 1031 u 1033 tal-Kodici Civili u dan ghal ragunijiet gja msemmijin supra. Illi ghalhekk il-preskrizzjoni tas-sentejn relativi ghar-rizarciment ta' danni taht il-ligi ordinarja m'hijiex dik applikabbli ghal kaz u kwindi dak li hemm stipulat fl-artikolu 2137 tal-Kodici Civili (Kap. 16) dwar iz-zmien minn meta l-preskrizzjoni ta' azzjoni jibda ma tapplikax. Incidentalment hawn ukoll jigi rilevat li dan l-artikolu jibda bil-proviso "Bla hsara ta' disposizzjoni ohra tal-ligi". Kif jemergi mill-provi prodotti inoltre u minn rassenja ta' decizjonijiet moghtijin minn dawn il-Qrati – parti minn liema gew anke citati mill-appellati – huwa ferm skorrett li jigi sostnut li qabel l-1 ta' Ottubru 1995, id-data jgiifieri meta l-emenda komminata fl-artikolu 469A tal-Kodici Civili giet fis-sehh, l-appellanti ma kellhomx dritt ta' azzjoni ghax mhux korrett li jinghad li din "kienet vjetata mill-artikolu 724(2) et seq., issa abrogat." Proceduri f'kazi ta' allegat abbuz ta' poter u eccessi f'ghemil amministrattiv, imqar jekk kienu minn zmien ghal zmien soggetti ghal restrizzjonijiet, qatt ma kienu vjetati bil-ligi. Illi ghalhekk anke dan l-aggravju dwar iz-zmien li fih setghet tigi ezercitata l-azzjoni attrici huwa infondat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Ottubru 1999 fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-appell ta' l-atturi appellanti nomine b'dan li kwantu ghall-kap ta' l-ispejjez, l-ispejjez gudizzjarji relativi ghall-ewwel istanza jibqghu kif gja' deciz mill-ewwel Qorti, mentri dawk relativi ghal dan l-appell jithallsu interament mill-parti appellanti.

Dep/Reg mg